MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 12/2005

APS Bank limited .

Vs

Francis Rapa .

Il-Qorti ;

Rat l-avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandux jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' erbat elef seba' mija wieħed u ħamsin liri Maltin u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm4751.27c) rappreżentanti bilanċ dovut in konnessjoni ma' "*Loan Accounts*" bin-numri 11006032028 u 20000099546 rispettivament, u ""*Interest Disposal Accounts*" bin-numri 20000246444, 20000246455 u 20000246488 rispettivament, u "*Current Account*" bin-numru 20000079357 skond il-prospetti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. "A" sa Dok "F", bl-imgħax legali mill-31 ta' Diċembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-

ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 11 ta' marzu 2005 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut illi ġġib id-data tat-tlettax (13) Ġunju, 2005 .

Semgħet lir-rappreżentant tal-bank attriċi, jikkonferma bil-ġurament tiegħu li l-ammont mitlub fl-avviż għadu kollu dovut .

Il-Qorti għalhekk u peress li jidhrilha li t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi, u tikkundanna lill-konvenut, Francis Rapa sabiex iħallas l-ammont mitlub fl-avviż, u ċioe' s-somma ta' erbat elef seba' mija wieħed u ħamsin liri Maltin u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm4751.27c) rappreżentanti bilanċ dovut in konnessjoni ma' "*Loan Accounts"* bin-numri 11006032028 u 20000099546 rispettivament, u "*"Interest Disposal Accounts"* bin-numri 20000246444, 20000246455 u 20000246488 rispettivament, u "*Current Account"* bin-numru 20000079357 skond il-prospetti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. "A" sa Dok "F", bl-imgħax legali mill-31 ta' Diċembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 11 ta' marzu 2005 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, kollox kontra l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------